ARBITRU GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

# Mistoqsijiet frekwenti (FAQs) dwar il-Medjazzjoni

*Dawn l-FAQs jagħtu ħarsa ċara u konċiża tal-proċess ta' medjazzjoni biex jiżguraw li l-partijiet jifhmuh sew qabel jipparteċipaw.*

**1. X'inhi l-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni hija proċess informali, privat u kunfidenzjali fejn il-partijiet jiddiskutu l-kwistjoni ta' bejniethom bl-għajnuna ta' medjatur. L-għan huwa li tinstab soluzzjoni li taqbel maż-żewġ partijiet.

**2. X'inhuma l-benefiċċji li wieħed imur għal medjazzjoni?**

Il-proċess tal-medjazzjoni huwa wieħed iktar mgħaġġel mill-proċessi formali ta' investigazzjoni u aġġudikazzjoni. Tiffranka ħin u sforz u jgħin biex tinżamm il-privatezza u l-kunfidenzjalità.

**3. Minn jaħtar il-medjatur?**

Il-medjatur jinħatar mill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

**4. Il-parteċipazzjoni fil-medjazzjoni hija obbligatorja?**

Le, il-parteċipazzjoni fil-medjazzjoni hija volontarja. Iż-żewġ partijiet iridu jaqblu li jipparteċipaw u jistgħu anke jiddeċiedu li jirtiraw minn dan il-proċess fi kwalunkwe ħin.

**5. Id-drittijiet tiegħi se jiġu affettwati jekk niddeċiedi li ma nipparteċipax fil-medjazzjoni?**

Le, l-għażla li ma tipparteċipax ma taffettwax ħażin id-drittijiet legali jew l-għażliet tiegħek. Il-medjazzjoni hija proċess volontarju mfassal biex jgħin lill-partijiet isolvu t-tilwim ta' bejniethom b'mod amikevoli u dan bl-għajnuna tal-medjatur li jkun newtrali. Jekk tagħżel li ma tipparteċipax fil-medjazzjoni, jew inkella, jekk il-medjazzjoni ma twassalx għal soluzzjoni, id-dritt tiegħek li tkompli bil-każ quddiem l-Arbitru jibqa' intatt.

**6. Il-medjatur u l-Arbitru huma l-istess persuna?**

Le, il-medjatur u l-Arbitru huma individwi distinti minn xulxin u għalhekk b'irwoli separati. Il-medjatur jiffaċilita d-diskussjonijiet bejn il-partijiet biex jgħinhom jilħqu ftehim bejniethom, filwaqt li l-Arbitru huwa involut fil-proċess formali ta' aġġudikazzjoni f'każ li l-medjazzjoni ma ssolvix it-tilwima. Barra minn hekk, il-medjatur huwa independenti u għalhekk lanqas jirraporta d-dettalji tas-sessjonijiet tal-medjazzjoni lill-Arbitru.

**7. B'liema lingwa ssir il-medjazzjoni?**

Is-sessjonijiet ta' medjazzjoni jsiru bl-Ingliż jew bil-Malti. Jekk m'intix fluwenti fl-ebda waħda minn dawn il-lingwi, tista' ġġib persuna ta' fiduċja biex tgħinek bit-traduzzjoni. Iżda inti tkun imbagħad responsabbli mill-ispejjeż f'dan ir-rigward.

**8. Għandi bżonn l-assistenza ta' avukat waqt il-medjazzjoni?**

Id-deċiżjoni li tkun assistit minn avukat, qarib, jew ħabib tiegħek waqt il-medjazzjoni hija kompletament f'idejk. Filwaqt li r-rappreżentanza legali mhix meħtieġa, tista' ssibha utli li jkollok gwida professjonali jew appoġġ minn xi ħadd li tafda.

**9. Kif issir il-medjazzjoni?**

Normalment, il-medjazzjoni tkun sessjoni waħda fejn il-partijiet jiltaqgħu sabiex jiddiskutu t-tilwima ta' bejniethom. Is-sessjonijiet ta' medjazzjoni isiru online bl-użu ta' għodod ta' konferenzi bil-vidjo bħal Zoom jew Microsoft Teams. Ma jinżammux minuti ta' dak li jkun ġie diskuss f'din is-sessjoni u rekordjar b'xi mod tas-sessjonijiet ta' medjazzjoni huwa strettament ipprojbit. Iżda, meta jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet, dan imbagħad jiġi formalizzat kif xieraq.

**10. Nista' nagħżel li nattendi personalment għall-medjazzjoni?**

Iva, jista' isir arranġament f'każ li inti jew il-parti l-oħra tippreferi li tattendi personalment għall-medjazzjoni. Jekk jogħġbok informa lill-medjatur minn qabel sabiex isiru l-arraġamenti neċessarji. Is-sessjonijiet isiru fl-uffiċċju tagħna l-Imsida. Għal informazzjoni jew anke

direzzjonijiet dwar fejn jinsab l-uffiċċju, tista' taċċessa it-taqsima 'Ikkuntatjana' fuq il-websajt tagħna.

**11. Irrid bilfors naċċetta dak li jiġi offrut lili waqt il-medjazzjoni?**

Le, inti m'intix obbligat li taċċetta immedjatament xi offerta li ssirlek waqt il-medjazzjoni. Jekk il-fornitur tas-servizz jagħmillek xi offerta, inti għandek l-għażla li taċċettaha, tirrifjutaha, jew titlob aktar ħin biex tikkunsidraha. Importanti li tieħu l-ħin li għandek bżonn sabiex tieħu deċiżjoni li inti tħoss li hi fl-aħjar interess tiegħek.

12. **Nista' nippreżenta evidenza ġdida, dokumenti, jew xhieda waqt il-medjazzjoni?**

Le, ma tistax tintroduċi evidenza ġdida, dokumenti, jew xhieda waqt il-medjazzjoni. L-għan primarju tal-medjazzjoni huwa li jiffaċilita l-proċess ta' negozjar bejn il-partijiet, billi jiffoka fuq id-diskussjoni u n-negozjar iktar milli fuq il-preżentazzjoni tal-evidenza. L-irwol tal-medjatur huwa li jgħin lill-partijiet isibu soluzzjoni li taqbel maż-żewġ partijiet, mhux li jiġġudika l-evidenza jew jagħmel deċiżjonijiet legali.

**13. Kif tintemm medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni tintemm billi jintlaħaq ftehim, li jsir legalment jorbot liż-żewġ partijiet; jew jieqaf il-proċess minħabba li ma jintlaħaq l-ebda ftehim; jew inkella f'każ li xi ħadd mill-partijiet jiddeċiedi li jirtira mill-medjazzjoni.

**14. X'jiġri f'każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim fil-medjazzjoni?**

Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, l-ilment jgħaddi għall-investigazzjoni u l-aġġudikazzjoni mill-Arbitru.

**15. X'jiġri jekk nilħqu ftehim waqt il-medjazzjoni?**

Jekk waqt il-medjazzjoni, iż-żewġ partijiet għall-ilment jaqblu fuq soluzzjoni, il-ftehim ikun dokumentat u mibgħut lill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji. Ladarba jiġi iffirmat miż-żewġ partijiet u aċċettat mill-Arbitru, il-ftehim jorbot legalment lill-istess partijiet u l-ilment jiġi riżolt. (Għal ilmenti reġistrati sas-sena 2024, l-miżata tal-ilmenti ta' €25 tingħata lura lill-ilmentatur.)

**16. Jista' il-medjatur jiddeċiedi fuq l-eżitu tat-tilwima bejn il-partijiet?**

Le, il-medjatur ma jimponix soluzzjoni jew jiddeċiedi fuq l-eżitu. L-irwol tal-medjatur huwa li jiffaċilita d-diskussjoni u jgħin liż-żewġ partijiet jilħqu ftehim.

**17. Dak li jiġi diskuss fil-medjazzjoni jibqa' kunfidenzjali?**

Iva, dak kollu diskuss fil-medjazzjoni jibqa' kunfidenzjali u ma jista' bl-ebda mod jintuża fi proċeduri oħrajn, inkluż dawk quddiem l-Arbitru. Jekk il-każ jiġi ppreżentat quddiem l-Arbitru aktar tard, il-partijiet huma liberi li jqajmu l-istess argumenti, iżda ma jistgħux jirreferu għal kwalunkwe osservazzjonijiet jew kummenti magħmula waqt il-medjazzjoni minn kwalunkwe parti. Dan jiżgura li l-kunfidenzjalità tal-proċess ta' medjazzjoni tinżamm matul il-proċeduri sussegwenti, jekk applikabbli.

18. **X'jiġri f'każ li niddeċiedi li nirtira l-ilment tiegħi wara l-medjazzjoni?**

Jekk l-ilmentatur jirtira l-ilment, irid jinforma lill-Arbitru bil-miktub. L-Arbitru imbagħad joħroġ digriet li jikkonferma it-talba tal-ilmentatur. (Għal ilmenti reġistrati sas-sena 2024, il-miżata tal-ilment ta' €25 tingħata lura.)

**19. Hemm proċess ta' appell wara l-medjazzjoni?**

Le, m'hemm l-ebda proċess ta' appell mill-medjazzjoni. Jekk il-medjazzjoni ma tirnexxix u ma ssolvix it-tilwima bejn il-partijiet, l-ilment imbgħad jgħaddi għas-smiegħ u l-aġġudikazzjoni tal-Arbitru.

*Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji*
*Triq Ġdida fi Triq Reġjonali*
*L-Imsida MSD 1920*
*Malta*

*Freephone: 80 072 366*
*Telefon: (+356) 21 249 245*
*Mobajl/WhatsApp: +356 79219961*

Verżjoni 2 (30 ta' Diċembru 2024)